KUNSILL LOKALI BALZAN
153 TRIQ IL-KBIRA
ĦAL BALZAN

12 ta' Diċembru 2013

Sinjuri,

**Ħamsa u Tletin laqgħa tas-Seba' Kunsill ta' Ħal Balzan ser issir nhar l-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2013 fil-9.00am fl-uffiċċju tal-Kunsill (fuq il-Posta).**

AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Mill-Minuti.
3. Finanzi:
   (a) Ħlas ta' pagament mill-Kunsill b'konnessjoni mal –proġett ta'tisbieħ ERDF 205 rigward s-servizzi ta' l-ilma
   (b) Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash
4. Akkumulazzjoni ta' siegħat mis-sena 2013 għal 2014
5. Korrispondenza
6. Rapport dwar l-Ilmenti
7. Komunikazzjoni tas-Sindku
8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillieri kollha huma mitluba biex ikunu fil-ħin.

Inselli għalik

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TLIETA u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 27 ta' Novembru 2013

**Ħin:** Mis-9am sal-11.03am

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-tnejn u tletin laqgħa urġenti ta' nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku s-Sur Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Sur Desmond Zammit Marmara' saqsa jekk hemmx xi data stabbilita ta' meta ser jiġi nawgurat il-proġett tat-tisbiħ tal-Pjazza. Is-Sindku wieġeb li għad m'hemm xejn ippjanat għaliex għad baqa' li jiġi rranġat iz-zuntier tal-Knisja. Kif jitlesta' l-proġett kollu, wieħed jibda jippjana.

## 3. Prijoritajiet tal-Kunsill għas-sena d-dieħla

Is-Sindku elenka lista'ta'affarijiet li l-Kunsill beħsiebu jagħmel għas-sena d-dieħla fosthom iż-żewġ toroq li flus għalihom diġa' hemm allokati li huma l-kumplament ta' Triq Ġuze Bonnici u Triq l-Għerusija.

Semma' wkoll li ser ikollu laqgħa mal-Awtorita' tat-Turizmu li fiha ser tiġi diskussa l-possibilita' li jkun hemm kollaborazzjoni bejnietna u jiġi restawrat il-pavi tas-salib li jinsab fi Triq it-Tlett Knejjes kif ukoll ix-Xelter li jinsab fil-pjazza.

Hemm ukoll il-proġett tal-UIF li fiha meta jkollna l-approvazzjoni tal-applikazzjoni sottomessa lil MEPA jkunu jistgħu jiġu mibdula l-lampi u bozoz li jinsabu fil-*village core* ma' dawk ornamentali u bozoz LED.

Il-Kunsill ħareġ Tender għat-tranġar taz-zuntier tal-Knisja u nisperaw li jitlesta fil-ħin għaliex jidher li z-zuntier skont il-MEPA huwa skedat bħala Grade 1 u kellu bzonn il-permessi meħteġa mill-*Conservation Unit* tal-MEPA allavolja rikostruzzjoni taz-zuntier. Il-perit tal-Kunsill minnfiħ tefa' l-applikazzjoni meħtieġa.

Is-Sindku kompla qal li wara li jitlestew iż-żewġ toroq elenkati, il-Kunsill ser jipprova jiddentifika dawk it-toroq li għandhom bżonn *large patching* u dawn isiru dejjem jekk il-fondi tal-Kunsill jippermettu wara li jkun tlesta l-proġett tal-EU.

L-akbar uġiegħ ta' ras li għandu l-Kunsill huwa l-post alternattiv għal Kunsill minn fejn ikun jista' jaħdem. Is-Segretarju Ezekuttiv kiteb lis-Segretarju Parlamentari Dr. Jose' Herrera biex is- Sindku jingħata appuntament u tiġi diskussa din il-problema. Is-Sindku tkellem mal-entitajiet l-oħra fejn qed jikkalkula li b'kollox għandna bżonn *area* ta' bejn wieħed u ieħor 450 metru kwadru.

Is-Sindku fuq punt ieħor tkellem fuq l-ilment tar-residenti li ressaq is-Sur Desmond Zammit Marmara' li bħala Kunsill għandna niktbu lill-Ministru s-Sur Joe Mizzi biex ningħataw appuntament biex nerġgħu kif dejjem għamilna anke qabel mal-amminstrazzjoni l-oħra, nkomplu nagħmlu pressjoni mal-Gvern Ċentrali li jidħol għax-xogħolijiet ta' rikostruzzjoni tat-toroq fi Triq il-Wied u Triq il-Ferrovija l-Qadima għax żgur bil-fondi li jingħatalu l-Kunsill kull sena, ma jistax jidħol għal dan it-tip ta' xogħol.

4. **<u>Tenders Eżistenti li ser jagħlqu sal-aħħar ta' Frar 2014</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fl-aħħar ta' Frar 2014 jagħlqu t-tenders tat-Traffic Signs u Road Markings kif ukoll dak tal-*Parks and Gardens*. Dawn iż-żewġ kuntratti kienu saru in konġunta mal-Kunsill ta' Birkirkara. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lil Birkirkara u jekk humiex interessati li nerġgħu noħorġu din is-sejħa konġunta.

Kif qegħdin fuq dan is-suġġett is-Sur Desmond Zammit Marmara fakkar lill-Kunsill biex titwaħħal is-siġra taż-żebbuġ quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar ukoll il-Kunsill li fl-aħħar ta' Frar jagħlaq ukoll il-kuntratt tar-*Resurfacing and Ancillary Works*. F'dan ir-rigward is- Segretarju fakkar lil Kunsill li l-perit li kellu qabel, s-Sur Anthony Bezzina kien diġa' lesta t-tender ta' dawn ix-xogħolijiet kif ukoll l-estimi tat-toroq Ġuże Bonnici kif ukoll Triq l-Għerusija. Huwa saqsa ser isir minn dawn u jekk il-perit il-ġdid tal-Kunsill, is-Sur Etienne Magri għandux jieħu minn idejn il-Perit Bezzina u jkompli bil-preparazzjoni u x-xogħlijiet fuq dan it-tender. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jikteb lill-Perit Bezzina għar-rilaxx tas-supervizjoni ta' dawn ix-xogħolijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv għadda biex jitkellem fuq it-tender tal-*Online Streaming* tal-Kunsill fejn fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiz li nitolbu kjarifika mingħand AG WEB Solutions u din ingħatat.

Għalhekk issa li l-Kunsill għandu stampa ċara tal-offerti li ntefgħu, għazel dik sottomessa minn Correct Terminal Limited bħala l-aħjar għazla fl-opinjoni tiegħu. Għalhekk is-Segretarju ntalab jikteb lid-Dipartiment tal-Kunsilli u jibgħat jinfurmahom b'dan flimkien ma' *data sheets* tal-apparat offrut biex tiġi approvata mid-Dipartiment u nkunu nistgħu nipproċedu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad ma għandniex deċizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq it-tender tal-Knis u għalhekk għat-tieni xahar konsekuttiv minħabba li dan is-servizz huwa ta' importanza kbira għal-lokal għandu jkompli jingħata *b'direct order* filwaqt li talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex jingħata direzzjoni ta' kif wieħed għandu jagħraf jimxi f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Il-Kunsill approva is-suġġeriment tas- Sindku.

## 5. Korrispondenza

**Ittra Nru 3461**: Ittra mingħand il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex il-Kunsill jitħajjar iwaqqaf il-Kunsill taż-Żgħażagħ ġewwa Ħal Balzan fejn ser tingħata kull għajnuna neċessarja. Il-Kunsill aċċetta li jipparteċipa fit-tħaddim ta' dan il-Kunsill taż-Żgħażagħ.

**Ittra Nru 3463**: Ittra mingħand resident li joqgħod fi Triq Santa Marija fejn wara kull xita qed jidħol l-ilma fid-dar tiegħu u qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jara x'jista' jsir. Is-Segretarju għandu jikteb lill-Perit tal-Kunsill iħejji rapport fuq din it-triq partikolari.

**Ittra Nru 3477**: Email mingħand is-Sur Robert Buhagiar mill-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura fejn fuq ilment li sar minn resident li joqgħod fi Triq il-Wied infurmana li f'din it-triq partikolari b'konnessjoni mal-proġett *National Flood Relief* wara l-festi tal-Milied ser isiru numru ta' spralli biex ikun jista' jinġabar l-ilma kif ukoll jidher li l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma ser toħroġ sejħa biex tissolva l-problem tad-drenaġġ.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ

## 6. Rapport dwar L-Ilmenti

Residenta tissuġerixxi li fi Vjal de Paule kantuniera ma' Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *roundabout* permanenti peress li ta' sikwit ikun hemm inċidenti tal-karozzi. Il-Kunsill ser jibgħat dan is-suġġeriment għal kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

## 7. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku diġa' tkellem fuq il-prijoritajiet tal-Kunsill għas-sena 2014.

## 8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-27 ta' Novembru 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 14,893.17.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku is-Sur Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 9. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment fuq il-problema tas-siġra li tinsab f'Villa Madama li qed tiżbor għal got-triq fi Triq Birbal u li qed tostakola l-bankina li minnha jgħaddu n-nies. Il-Kunsill għandu jerġa jagħraf lis-sid kif diġa għamel biex jirranġa din is-sitwazzjoni. F'każ li ma jottemporax, il-Kunsill ikellem lill-Pulizija tad-Distrett biex jieħdu azzjoni immedjata.

Semma wkoll li ta' sikwit fi Triq il-Ferrovija l-Qadima qed ikun hemm ħafna *lifters* li jidher li mhux qed ikollhom permess mill-Kunsill. Is-Segretarju informa li meta jkun hemm xi ħaġa bħal din, għandu jiġi infurmat l-Uffiċċju biex jivverifika u f'kaz li ma jkollomx permess jiġu infurmati l-pulizija biex jinfurzaw.

Is-Sur Zammit Marmara saqsa r-raġuni għalfejn il-Ġnien ta' San Anton qiegħed ma' Ħ'Attard u jekk hux iż-żmien li jerġa' jiġi ma' Ħal Balzan. Huwa ser jara x'informazzjoni jista' jiġbor b'rabta ma' dan u fil-kaz niktbu b'mod uffiċjali lid-Dipartiment tal-Kunsilli bix-xewqa tal-Kunsill li dan il-ġnien jerġa *jifforma parti minn Ħal* Balzan

Is-Sur Zammit Marmara issuġġerixxa li meta jkun hemm xi toroq magħluqin, il-Kunsill għandu jinforma lir-residenti permezz tal-Facebook.

Is-Sur Stephen Gatt issuġġerixxa li għandhom jitpoġġew qsari ħdejn il-klabb tal-futbol fi Triq il-Kbira meta jitlesta' l-proġett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta'Diċembru 2013 fil-5pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data